MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Numru. 671/2008

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Gillian Attard, bint Paul, imwielda Pieta' fit-3 ta' Frar, 1983, Karta ta' l-Identita numru 114383(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fi Frar, 2008, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi ndqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta' mhux aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Brian Guillaumier;

2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi approprjat ruħha, billi dawwret bi profir għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-dannu ta' Brian Guillaumier.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputata ħallset dak kollu dovut u il-parte ċivile ma għandux aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------